31995L0006

L 67/30 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 25.3.1995

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 95/6/KE
ta' l-20 ta' Marzu 1995
li temenda l-Annessi I u II mad-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE dwar il-*marketing* taż-żerriegħa taċ-ċereali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ta' l-14 ta Ġunju 1966 dwar il-*marketing* taż-żerriegħa taċ-ċereali [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 93/2/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 21a tagħha,

Billi l-ibridi tas-segala huma inklużi fl-iskop tad-Direttiva 66/402/KEE, iżda d-Direttiva ma tistabbilixxix il-kondizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati mill-uċuħ tar-raba' u miż-żerriegħa ta' l-ibridi tas-segala;

Billi sabiex jiġu stabbiliti dawn il-kondizzjonijiet kienet adottata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/374/KEE tat-2 ta' Ġunju 1989 dwar l-organizzazzjoni ta' esperiment temporanju skond id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE rigward il-*marketing* taż-żerriegħa taċ-ċereali, sabiex jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati mill-uċuħ tar-raba' u miż-żerriegħa ta' l-ibridi tas-segala [3], kif emendata bid-Deċiżjoni 92/520/KEE [4];

Billi dan l-esperiment temm fit-30 ta Ġunju 1994;

Billi fuq il-bażi tar-riżultati ta' dan l-esperiment jistgħu issa jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati mill-uċuħ tar-raba' u miż-żerriegħa ta' l-ibridi tas-segala u l-Annessi I u II ta Direttiva 66/402/KEE għandhom jiġu emendati kif jixraq;

Billi l-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti taż-Żrieragħ u l-Materjal tal-Propagazzjoni għall-Agrikoltura, l-Ortikultura u l-Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Annessi I u II mad-Direttiva 66/402/KEE huma emendati kif iddikjarat fl-Anness ma' hawn.

L-Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux iktar tard mit-30 ta Ġunju 1995. Huma għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkompanjati minn din ir-referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewliena tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Marzu 1995.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU 125, tal-11.7.1966, p. 2309/66.
[2] ĠU L 54, tal-5.3.1993, p. 20.
[3] ĠU L 166, tas-16.6.1989, p. 66.
[4] ĠU L 325, tal-11.11.1992, p. 25.

L-ANNESS

1. L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-punti 2 u 3, il-kliem "għajr l-ibridi" jiġi miżjud wara l-kliem *Secale cereale*.

(b) Jiddaħħal il-punt 3a li ġej:

"3a. Ibridi tas-segala.

(a) Il-wiċċ tar-raba' għandu jħares l-istandards li ġejjin rigward id-distanzi mis-sorsi tal-*pollen* fil-qrib li jistgħu jirriżultaw f'pollenazzjoni barranija mhux mixtieqa.

Il-wiċċ tar-raba'	Id-Distanza minima
1	2
— għall-produzzjoni tas-żerriegħa bażika	
— fejn hija wżata l-isterilizzazzjoni maskili	1 000 m
— fejn mhix użata l-isterilizzazzjoni maskili	600 m
— għall-produzzjoni taż-żerriegħa ċċertifikata	500 m

(b) Il-wiċċ tar-raba' għandu jkollu identità u safa biżżejjed rigward il-karatteristiċi tal-komponenti, inkluża l-isterilità maskili.

B'mod partikolari, il-wiċċ għandu jħares l-istandards jew il-kondizzjonijiet l-oħra li ġejjin:

(i) in-numru tal-pjanti jew l-speċje tal-wiċċ li jingħarfu bħala ovvjament li mhumiex veri għall-komponent ma għandhomx jaqbżu:

— il-wieħed għal kull 30 m² għall-produzzjoni taż-żerriegħa bażika,

— il-wieħed għal kull 10 m² għall-produzzjoni taż-żerriegħa ċċertifikata, dan l-istandard għandu japplika għall-ispezzjonijiet uffiċjali fuq il-post għall-komponenti femminili biss,

(ii) fil-każ taż-żerriegħa bażika, fejn tiġi użata l-isterilità maskili, il-livell ta' l-isterilità tal-komponent maskili sterili għandu jkun mill-inqas 98 %.

(ċ) Meta approprjat, iż-żerriegħa ċċertifikata għandha tiġi prodotta f'kultivazzjoni mħallta tal-komponent femminili li huwa sterili għall-maskil ma' komponent maskil li jregga' lura l-fertilità maskili."

2. L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-punt 1, il-kliem "il-varjetajiet ibridi tas-*Sorghum spp*. u taż-*Zea Mays*" għandu jinbidel bil-kliem "il-varjetajiet ibridi tas-*Secale Cereale*, is-*Sorghum spp*. u ż-*Zea Mays*".

(b) Dan li ġej għandu jiżdied mal-punt 1:

"Ċ. L-ibridi tas-segala.

Iż-żerriegħa ma għandhiex tiġi ċċertifikata għajr jekk ikunu tqiesu r-riżultati ta' test uffiċjali ta' wara l-kontroll, fuq kampjuni taż-żerriegħa bażika meħuda uffiċjalment u mwettqa matul l-istaġun tat-tkabbir taż-żerriegħa mdaħħla għaċ-ċertifikazzjoni bħala żerriegħa ċċertifikata sabiex jiġi żgurat jekk iż-żerriegħa bażika tkunx laħqet il-ħtiġiet taż-żerriegħa bażika stabbiliti f'din id-Deċiżjoni dwar l-identità u s-safa rigward il-karatteristiċi tal-komponenti, inkluża l-isterilità maskili."

(ċ) Il-punt 3 jiġi mibdul b'li ġej:

"3. L-organiżmi ta' ħsara li jnaqqsu l-utilità taż-żerriegħa għandhom ikunu fl-iktar livell baxx possibbli.

B'mod partikolari, iż-żerriegħa għandha tikkonforma ma' l-istandards li ġejjin rigward il-*Claviceps purpurea* (in-numru massimu ta' *sclerotia* jew ta' frak ta' *sclerotia* f'kampjun tal-piż speċifikat fil-kolonna 3 ta' l-Anness III).

Il-Kategorija	*Il-Claviceps purpurea*
1	2
Iċ-Ċereali l-oħra għajr is-segala ibrida:	
— iż-żerriegħa bażika	1
— iż-żerriegħa ċċertifikata	3
L-ibridi tas-segala:	
— iż-żerriegħa bażika	1
— iż-żerriegħa ċċertifikata	4 [a]

[a] Il-preżenza ta' hames *sclerotia* jew frak ta' *sclerotia* f'kampjun tal-piż stabbilit għandhom jitqiesu li jħarsu l-istandards, fejn kampjun tat-tieni ta' l-istess piż ikun fih mhux iktar minn erba' *sclerotia* jew frak ta' *sclerotia*."